MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1266/2002/1

**Visual & Sound Communications Limited**

**Vs**

**Norman Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf mija u sittax-il lira Maltija u erba' u sittin centezmu (Lm1,116.64) bilanc ta'somma akbar rapprezentanti in kwantu ghal:-

- Lm553.95 rapprezentanti stokk li ma giex ritornat mill-konvenut gewwa l-ufficcju tas-socjeta attrici;
- Lm100 rapprezentanti flus migbura f'isem is-socjeta attrici mill-hanut One Vision;

- Lm99.74 rapprezentanti flus migbura f'isem is-socjeta attrici mill-hanut Herman's;
- Lm109.81 rapprezentanti flus migbura f'isem is-socjeta attrici mill-hanut Sapphire;
- Lm119.32 rapprezentanti flus migbura f'isem is-socjeta attrici mill-hanut Famous Self Service u stokk migbur mill-istess hanut;
- Lm47.79 rapprezentanti flus migbura f'isem is-socjeta attrici mill-hanut Classic Video;
- Lm86.30 rapprezentanti flus migbura f'isem is-socjeta attrici mill-hanut Stan's Global Training.

Ra li l-konvenut ikkontesta l-kawza u fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2002 [ara verbal a fol. 8] iddikjara li:-

1. Huwa ghamel perjodu impjegat mas-socjeta attrici (Mejju 1999 sa Ottubru 2000).
2. Meta ttermina l-impjieg tieghu kellu stokk fil-pussess li rritorna lis-socjeta attrici.
3. Huwa m'ghandux fil-pussess tieghu flus li kien jigbor minghand il-klijenti, u kull meta kien jigborhom kien jirritornahom fl-Accounts Section u jaghtihom lil certu Debbie.
4. Il-flus li jissemmew fl-avviz tat-talba ngabru minnu u tahom lis-socjeta attrici.
5. Fir-rigward tal-hanut Famous Self Service ghandu statement li jikkonferma li wara li l-attur ma baqax impjegat mas-socjeta attrici l-klijent baqa' jaghmel pagament lis-socjeta attrici.

Ra l-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2002 (fol. 27) fejn jinghad li s-socjeta attrici rriduciet it-talba bl-ammont ta' mija u dsatax-il lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm119.32), b'riferenza ghall-flus li l-konvenut kien allegatament gabar u ma rritornax minghand l-istabbiliment Favous Self Service.

Semgha x-xhieda li ressqu l-kontendenti.

Ra l-atti inkluz in-nota ta' sottomissjonijiet li giet prezentata mill-konvenut fil-25 ta' Gunju 2003.

Ikkunsidra:

1. Il-fatti fil-qosor huma:-

(a) Il-konvenut ghamel zmien impjegat mas-socjeta attrici;
(b) Matul dan iz-zmien kien jahdem bhala salesman;
(c) Kien idur fil-hwienet, jiehu u jqassam l-ordnijiet u jigbor ukoll il-flus minghand il-klijenti tas-socjeta attrici;
(d) Meta l-konvenut ma baqax impjegat mas-socjeta attrici kien ghad ghandu stokk fil-pussess tieghu;
(e) Impjegat tas-socjeta attrici, Clint Fenech, kien mar jigbor l-istokk minghand il-konvenut;
(f) Is-socjeta attrici qeghda wkoll tikkontendi li l-konvenut kien gabar xi flus minghand il-klijenti u baqa' qatt ma rritornahom.

2. It-Tribunal ghandu quddiemu zewg verzjonijiet li huma dijametrikament opposti ghal xulxin. Is-socjeta attrici qeghda titlob:-

(a) Hlas ghal stokk li qatt ma gie ritornat mill-konvenut; u

(b) Rifuzjoni ta' flus li skond hi l-konvenut gabar minghand il-klijenti u qatt ma rritornahom lis-socjeta attrici.

Min-naha tieghu l-konvenut cahad kategorikament l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu.

3. It-Tribunal ser jitratta separatament iz-zewg kwistjonijiet li huma pendenti:-

[A] **<u>Hlas ghal stokk li qatt ma gie ritornat mill-konvenut.</u>**

Quddiem it-Tribunal xehed f'zewg okkazzjonijiet differenti Clint Fenech li ghamel zmien impjegat mas-socjeta attrici. Dan ix-xhud kien gie nkarigat minn Grace Borg [direttur tas-socjeta attrici] sabiex imur jigbor minghand il-konvenut l-istokk li kien ghadu fil-pussess tieghu. Mill-provi rrizulta li x-xhud kien inghata lista ta' l-istokk li kellu jigbor.

Kemm l-ewwel darba li xehed u t-tieni darba Clint Fenech kien kategoriku u kkonferma li l-items kollha li jissemmew fil-lista a fol. 32 u 33 tal-process inghataw lilu mill-konvenut. Fis-seduta tat-22 ta' Mejju meta rega' xehed fuq dan id-dokument huwa ddikjara:- ***"Nikkonferma ghal darb'ohra illi l-oggetti kollha li jissemmew f'dan id-dokument inghataw lili minn Norman Spiteri meta jiena mort ghandu. Il-firma saret bhala prova illi jiena ircevejt il-merkanzija minghand il-konvenut"***. Kliem li kien diga' qal meta xehed fis-seduta tal-1 ta' Ottubru 2002 meta ddikjara li qabblu l-lista li nghata minn fuq il-post tax-xoghol u l-istokk li kellu ghandu l-konvenut u ***"gabar kollox"***. Wiehed ma jistax ma jissottolinejax ukoll li skond ma qal dan ix-xhud wara li rritorna l-istokk hadd ma attiralu l-attenzjoni li kien hemm xi stokk simili. Huwa verosimili li l-konvenut ma ntalabx jaghti sodisfazzjon jekk verament irritorna lura l-ufficcju tas-socjeta b'dak l-istokk kollu nieqes. Dan apparti wkoll il-fatt li mill-provi ma rrizultax li l-ufficjali tas-socjeta attrici regghu kkomunikaw mal-konvenut wara li baghat lura l-istokk li kellu fil-pussess tieghu. Cirkostanzi li fil-fehma tat-Tribunal ikomplu jdghajfu t-tezi tas-socjeta attrici.

Xehdet ukoll Natalie Bonello [seduta tal-4 ta' Marzu 2003 – fol. 52] li kkonfermat li hija kienet ivverifikat il-lista li tinsab a fol. 32 ma' l-istokk li gab lura Clint Fenech. Ziedet tghid li kien hemm nieqes l-istokk li m'huwiex immarkat fuq l-imsemmi dokumenti. Ikkonfermat ukoll: *"illi l-kolonna 'location' fid-dokument a fol. 32 qieghda tirreferi ghaz-zmien illi tkun harget dik is-CD partikulari illi tissemma' fid-dokument"*. It-Tribunal ma jistax ma

jirrimarkax li l-parti kbira ta' l-istokk li allegatament ma giex ritornat lanqas m'ghandu data tal-hrug mill-istores tas-socjeta attrici. Inoltre hemm ukoll per ezempju CD li d-data ta' hrug hija ndikata 6 ta' Gunju 1998, data meta mill-provi rrizulta li l-konvenut lanqas ma kien impjegat mas-socjeta attrici.

Iz-zewg xhieda, kif ukoll il-konvenut, cahdu li ghamlu l-marki li jidhru fuq id-dokument a fol. 32 u 33 tal-process.

[B] **Rifuzjoni ta' flus li skond hi l-konvenut gabar minghand il-klijenti u qatt ma rritornahom lis-socjeta attrici.**

Anke f'dan ir-rigward it-Tribunal ghandu zewg verzjonijiet li huma opposti ghal xulxin. Min-naha taghha s-socjeta attrici ressqet lil xi whud mis-sidien ta' l-istabbilimenti li jissemmew fl-avviz tat-talba sabiex jikkoraboraw il-verzjoni moghtija minn Grace Borg li hija direttur tas-socjeta attrici. Kien biss wiehed minn dawn ix-xhieda [Herman Camilleri] li kkonferma li l-flus li jissemmew fl-avviz tat-talba fir-rigward ta' l-istabbiliment tieghu kienu thallsu originarjament lill-konvenut u sussegwentement kien rega' ntalab il-hlas mis-socjeta attrici [ara kont a fol. 30 tal-process ghall-ammont ta' Lm99.75 u datat 3 ta' Ottubru 2000]. Hadd mix-xhieda l-ohra ma kkonferma li l-ammonti li qeghda tirreklama s-socjeta attrici permezz ta' dawn il-proceduri ntalab li jhallashom darbtejn. Wiehed ma jistax pero' ma jirrimarkax li s-sistema adoperata mis-socjeta attrici m'hijiex daqstant felici ghall-impjegat li qieghed fi zvantagg, u dan peress li ma jirrizultax li s-socjeta attrici tohroglu xi forma ta' ricevuta ghal flus li jkun rritorna fl-ufficcju. Anke mix-xhieda ta' Ramona Abdilla [seduta tal-4 ta' Frar 2003] irrizulta li kien hemm okkazzjonijiet meta l-flus ma kienux jithallew mal-kaxxiera. Dan apparti l-fatt li rrizulta li s-salesman mhux dejjem imur bil-ktieb tar-ricevuti ghand il-klijent. Ghalhekk ikun hemm kazijiet li l-klijent ihallas izda ma jinghatax ricevuta.

It-Tribunal m'huwiex moralment konvint li s-socjeta attrici rnexxielha taghti prova fil-grad rikjest mil-ligi li l-konvenut zamm ghalih xi flus li kien gabar minghand il-klijenti. Biex ikompli jzid id-dubju hemm il-kaz ta' l-istabbiliment Famous Five fejn originarjament is-socjeta attrici allegat li l-konvenut ma kienx irritorna s-somma ta' Lm119.32. Fil-kors tal-provi rrizulta li wara li l-konvenut ma baqax impjegat ma-socjeta attrici, din ta' l-ahhar baqghet tircievi pagamenti akkont minghand il-klijent. Tant hu hekk li fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2002 is-socjeta attrici rriduciet it-talba taghha bl-imsemmi ammont.

Fic-cirkostanzi kollha partikolari ta' dan il-kaz it-Tribunal m'huwiex tal-fehma li s-socjeta attrici rnexxielha taghti prova li l-konvenut huwa debitur taghha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jichad it-talba tas-socjeta attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------